

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 139/2019

tal-14 ta' Ġunju 2019

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE [2022/2131]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1983 tas-26 ta' Ottubru 2018 li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' ċerti reġjuni tal-Italja bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi u uffiċjalment ħielsa mill-bruċellożi fir-rigward tal-merħliet bovini ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar annimali ħajjin li mhumix ħut u annimali tal-akkwakultura. Il-leġislazzjoni li tikkonċerna dawn il-kwistjonijiet ma għandhiex tapplika għall-Iżlanda, kif speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Iżlanda.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Għaldaqstant din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 70 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“- **32018 D 1983:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1983 tas-26 ta' Ottubru 2018 (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 22).”

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1983 bil-lingwa Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2019, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 317, 14.12.2018, p. 22.

^(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2019.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN
